

Brussell, 14 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

11032/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0067(NLE)

ENV 619
CLIMA 244
ENER 280
IND 316
COMPET 642
MI 600
ECOFIN 674
TRANS 306
AELE 61
CH 13

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	9699/24 + ADD 1 8159/24 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzeri dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom fir-rigward tal-emendar tal-Anness II tal-Ftehim, il-Proċeduri Operazzjonali Komuni u l-Istandards Tekniċi tal-Kollegament – Adozzjoni

1. Fl-10 ta' Novembru 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2017/2240 tal-10 ta' Novembru 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzeri dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom ("il-Ftehim")¹. Il-Ftehim ġie ffirmat fit-23 ta' Novembru 2017.

¹ ĠU L 322, 7.12.2017, p. 1.

2. Il-Ftehim ġie konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/219² u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020.
3. L-Artikolu 12 tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt, li huwa responsabbli mill-implimentazzjoni tal-Ftehim. Skont l-Artikolu 12(3) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' jadotta deċiżjonijiet li għandhom, mad-dħul fis-seħħ tagħhom, jorbtu lill-Partijiet. F'konformità mal-Artikolu 13(2) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' jemenda l-Annessi tal-Ftehim.
4. L-Artikolu 3(6) u (7) tal-Ftehim jipprevedi li l-Proċeduri Operazzjonali Komuni u l-Istandards Tekniċi tal-Kollegament żviluppati mill-amministratur tar-reġistru Żvizzeru u mill-amministratur ċentrali tal-Unjoni jidħlu fis-seħħ meta jiġu adottati b'deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt. Permezz tad-Deċiżjoni Nru 1/2020³ u tad-Deċiżjoni Nru 2/2020⁴ tiegħu, il-Kumitat Konġunt adotta l-Proċeduri Operazzjonali Komuni u l-Istandards Tekniċi tal-Kollegament, rispettivament.
5. Fl-20 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni adottat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim fir-rigward tal-emendar tal-Anness II tal-Ftehim u tal-Proċeduri Operazzjonali Komuni u l-Istandards Tekniċi tal-Kollegament.⁵
6. L-għan tad-Deċiżjoni proposta huwa li jiġi aġġornat l-Anness II biex jirrifletti l-evoluzzjoni tal-kollegament tar-reġistri bejn is-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-UE u s-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Iżvizzera u biex jiġu ssimplifikati d-dispożizzjonijiet tal-Anness II fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi. Il-Proċeduri Operazzjonali Komuni u l-Istandards Tekniċi tal-Kollegament jenħtieġ li jiġu emendati wkoll biex tiġi żgurata l-konsistenza tagħhom mal-Anness II tal-Ftehim.

² ĠU L 43, 16.2.2018, p. 1.

³ ĠU L 226, 25.6.2021, p. 2.

⁴ ĠU L 226, 25.6.2021, p. 16.

⁵ 8159/24 + ADD 1.

7. Wara eżami tal-proposta tal-Kummissjoni mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE) fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Mejju, il-Presidenza ħejjiet proposta ta' compromess⁶ li d-WPE qabel dwarha fl-14 ta' Mejju 2023.
8. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom fir-rigward tal-emenda tal-Annessi II tal-Ftehim u Proċeduri Operazzjonali Komuni u l-Istandards Tekniċi tal-Kollegament, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti⁷.
9. It-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ser jintbagħat lill-Parlament Ewropew għall-informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.

⁶ 9699/24 + ADD 1.

⁷ 10038/24 + ADD 1.